# Każin Banda San Pio X - Lija





*kitba ta'*
*Mario Fenech*

Eżatt mal-bidu tas-seklu għoxrin fir-raħal ta' Ħal Lija bdiet tinħass sew il-ħtieġa li tiġi mwaqqfa Soċjetà Mużikali biex tagħti s-sehem, tagħha fil-festa tas-Santissmu Salvatur.

Kien hemm diġà mwaqqfa orkestra fir-raħal bħalma kien hemm f'numru ta' bliet u rħula f'Malta u Għawdex, għaldaqstant it-triq ma kinitx diffiċli ħafna biex minn din l-orkestra tiġi mwaqqfa l-banda tal-post.

Nafu sew li din l-orkestra kienet diġà teżisti fis-sena 1894 u magħrufa bl-isem ta' *Soċjetà Mandolinistica Fior D'Arancio*.

L-ewwel seduta tal-kumitat li ġie mwaqqaf biex imexxi din is-Soċjetà ġdida saret nhar it-23 ta' Mejju 1905. L-ewwel President kien is-Sur John Ellis li miegħu kellu żewġ uffiċjali bħala Segretarju u Teżorier u sitt membri, filwaqt li bħala l-ewwel Surmast Direttur tal-Banda ġie magħżul is-Surmast Pizzuto.

Kien jinħtieġ li l-banda tiġi mogħtija l-isem tagħha u waqt seduta ġenerali l-membri preżenti qablu li din għandha tissemma għal Papa ta' dak iż-żmien il-Papa Piju X. Dan il-Papa kien meqjus bħala l-Papa tal-Ewkaristija.

Kien xieraq li tintbagħat ittra lill-Qdusija Tiegħu l-Papa biex dan jaċċetta li jkun l-patrun ta' din is-Soċjetà li kienet ġiet imsemmija għalih. Ir-risposta għal din l-ittra kienet waslet fil-Kurja Arċiveskovili fil-Belt Valletta f'Lulju tas-sena 1905 stess ftit tal-ġimgħat biss wara li kienet għadha kemm ġiet imwaqqfa din il-Banda f'Ħal Lija.

Il-Qdusija tiegħu l-Papa Piju X, aċċetta bil-qalb kollha din it-talba li kienet saritlu.

Meta ftit tas-snin wara fis-sena 1913 kien sar f'Malta l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali l-Papa Piju X kien għadu fil-kariga tiegħu. Għaldaqstant kien tassew unur kbir għall-kleru u l-poplu tar-raħal ta' Ħal Lija.

Mhux biss għall-fatt li l-banda kellha l-isem tal-Papa Renjanti, iżda wkoll għall-fatt l-ieħor li ż-żewġ pilandri l-kbar li kull sena jintramaw fuq iz-zuntier tal-Knisja waqt il-jiem tal-festa, ġew armati fl-aktar post prominenti waqt iċ-Ċerimonja l-kbira li saret fuq it-tribuna li kienet armata fil-post magħruf bħala 'L-Għalqa tal-Biskuttin.

Il-Papa Piju X baqa' jissemma sew għall-ġid spiritwali li għamel kemm dan imexxi l-Knisja Kattolika tant li wara mewtu ġie ddikjarat qaddis.

Xterrdet sew id-devozzjoni lejh u d-dar fejn kien twieled u trabba f'Riese f'Treviso ġiet ikkonvertita f'mużew fejn ħafna nies kienu u għadhom iżuru ta' spiss.

Ftit taż-żmien ilu mal-kollezzjoni tiegħi ta' kartolini antiki sibt waħda li fiha hemm ritratt tal-kamra fid-dar fejn twieled San Piju X. Fuq wara tagħha għandha timbru bil-kliem *Casetta Natale di S. Pio X Riese Teviso*. Id-ditta li ppubblikat din il-kartolina hija dik ta' *Antonio Parolin ta' Riese*.

Intbagħtet Malta minn ċertu Guido Arrigo, pellegrin Malti li kien żar din id-dar nhar id-29 ta' Settembru 1961, kif tixhed id-data tat-timbru postali li hemm fuq il-bolla *Poste Italiane tal-15 Lire*.

Din il-kartolina li qiegħed nippubblika ma' dan l-artiklu tiegħi xtaqt li tkun miżmuma fis-sede tas-Soċjetà Muzikali San Piju X ta' Ħal Lija, għaldaqstant bil-qalb kollha qiegħed ngħaddiha lis-Soċjetà.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

